**15 ta' Novembru**

**Tifkira ta'**

S. ALBERTU L-KBIR,

ISQOF U DUTTUR TAL-KNISJA

Twieled f' Lauingen f'xatt id-Danubju, il-Ġermanja, għall-ħabta ta' l-1206. Studja f'Padova u Pariġi. Daħal fl-Ordni tal-Predikaturi u għallem f'ħafna postijiet. Sar isqof ta' Regensburg, u tħabat bla heda għall-paċi bejn il-popli u l-istati. Kiteb ħafna kotba ta' għerf kbir fuq it-teoloġija u x-xjenzi naturali. Miet f'Koln fl-1280.

Mill-Komun tar-Rgħajja ta' l-erwieħ... jew tad-dutturi tal-Knisja...

Talba

O Alla, int dawwalt lill-isqof Sant'Albertu u għamiltu tassew kbir, għax bik għaraf ilaqqa' tajjeb flimkien il-għerf tad-dinja mal-fidi mqaddsa; agħmel li nħaddnu sewwa t-tagħlim li tana, biex il-għerf tad-dinja, aktar ma jikber f'kull fergħa tiegħu, aktar igħinna nagħrfuk u nħobbuk. B'Ibnek.